**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2018**

Talba Numru: 457/2016 AM

Numru fuq il-Lista: 30

**Isaiah Grima (ID0004190M) u Diandra Grima nee' Montebello (ID163286M)**

**Berdor Flats, Flat 5,**

**Triq il-Kahli,**

**San Pawl il-Bahar**

**Vs**

**Herman Vassallo (ID482081M)**

**(1) 35, Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun**

**(2) 85 Flat 2, Triq l-Isptar,**

**Valletta**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba tal-atturi li permezz tieghu talbu li l-konvenut jigi ordnat ihallashom is-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro u ghoxrin

centezmu (€3,424.20c) dovuta kwantu ghal xoghol ta' hjata ta' hwejjeg liema xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 17 li permezz tieghu eccepixxa n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal; li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li spetta ghall-atturi li jresqu l-prova ta' dak li qed jallegaw u li bla pregudizzju ghal premess l-ammont reklamat fit-talba huwa altament esagerat.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut a fol 18.

Ra n-nota tal-konvenut a fol 20 li permezz taghha irtira l-ewwel eccezzjoni tar-risposta tieghu.

Ra l-provi prodotti.

Ra n-nota tal-atturi tal-14 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu infurmaw lil dan it-Tribunal li sar ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk qed jirrinunzjaw ghall-imghaxijiet fuq is-sorte sad-data tas-sentenza u li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza ta' dan it-Tribunal.

Ra n-nota konguntiva tal-partijiet tal-14 ta' Gunju, 2018 li permezz taghha talbu li l-kawza tigi deciza skont il-ftehim li sar bejn il-partijiet liema ftehim gie esebit mal-istess nota konguntiva.

Ikkunsidra,

Li l-ftehim li sar bejn il-partijiet fis-06 ta' Gunju, 2018 jirrizulta minnu li l-konvenut accetta u ammeta li huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€3,424.20c) u ammetta wkoll li jhallas l-ispejjez tal-kawza.

Jirrizulta wkoll skont l-istess ftehim li dwar l-imghaxijiet l-partijiet qablu li dawn jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza sal-hlas relattiv.

Jirrizulta wkoll li l-atturi obbligaw ruhhom li mal-iffirmar tal-ftehim jikkonsenjaw lura l-abbiljamenti kollha mehjuta mill-konvenut u kwalsiasi materjal rimanenti relatat mal-

istess; u li l-konvenut icedi l-kontro-talba u li l-partijiet ma ghandhom ebda pretensjoni ulterjuri kontra xulxin.

Kwantu ghal kontro talba tal-konvenut ghalkemm din ma gietx ceduta mill-konvenut dan it-Tribunal qed jiddeciedi li tali talba ghandha tigi michuda stante li ma gietx pruvata mil-konvenut.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma tlett elef erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€3,424.20c) bl-imghaxijiet dekorribbli mil-lum sad-data tal-pagement effettiv filwaqt li jordna lill-atturi jikkonsenjaw lura l-abbiljamenti kollha mehjuta mill-konvenut u kwalsiasi materjal rimanenti relatat mal-istess.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**